

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tal-25 ta' Marzu 2021 – Xellia Pharmaceuticals ApS, Alpharma, LLC, li kienet Zoetis Products LLC vs Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża C-611/16 P) <sup>(1)</sup>

*(Appell – Kompetizzjoni – Akkordji – Prodotti farmaċewtiċi – Suq tal-prodotti mediċinali kontra d-dipressjoni (citalopram) – Ftehimiet ta' ftehim bonarju ta' tilwimiet dwar privattivi ta' proċess konklużi bejn manifattur ta' prodott mediċinali oriġinali proprjetarju ta' dawn il-privattivi u manifatturi ta' prodott mediċinali ġeneriċi – Artikolu 101 TFUE – Kompetizzjoni potenzjali – Restrizzjoni minħabba l-għan – Klassifikazzjoni – Kalkolu tal-ammont tal-multa – Drittijiet tad-difiża – Terminu raġonevoli – Telf ta' dokumenti permezz tal-mogħdija taż-żmien – Dmir ġenerali ta' prudenza – Regolament (KE) Nru 1/2003 – It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(2) – Ammont massimu tal-multa – Teħid inkunsiderazzjoni tas-sena kummerċjali qabel dik tal-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea – L-aħħar sena sħiħa ta' attività ekonomika normali)*

(2021/C 206/06)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

*Appellant:* Xellia Pharmaceuticals ApS, Alpharma, LLC, li kienet Zoetis Products LLC (rappreżentant: D. W. Hull, Solicitor)

*Parti oħra fil-proċeduri:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Castilla Contreras, T. Vecchi, B. Mongin u C. Vollrath, aġenti, assistiti minn B. Rayment u D. Bailey, barristers, M. G. Peretz, QC, u S. Kingston, SC)

*Intervenjent insostenn tal-konvenut:* Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u L-Irlanda ta' Fuq (rappreżentanti: inizjalment minn D. Guðmundsdóttir, Z. Lavery u D. Robertson, aġenti, assistiti minn J. Holmes, QC, sussegwentement minn D. Guðmundsdóttir, aġent, assistiti minn J. Holmes, QC)

**Dispożittiv**

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Xellia Pharmaceuticals ApS u Alpharma LLC huma kkundannati jbatu, minbarra l-ispejjeż tagħhom, dawk esposti mill-Kummissjoni Ewropea.
- 3) Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u L-Irlanda ta' Fuq għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.

<sup>(1)</sup> ĠU C 30, 30.01.2017.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tal-25 ta' Marzu 2021 – Merck KGaA vs Il-Kummissjoni Ewropea, Generics (UK) Ltd**

(Kawża C-614/16 P) <sup>(1)</sup>

*(Appell – Kompetizzjoni – Akkordji – Prodotti farmaċewtiċi – Suq tal-prodotti mediċinali kontra d-dipressjoni (citalopram) – Ftehimiet ta' ftehim bonarju ta' tilwimiet dwar privattivi ta' proċess konklużi bejn manifattur ta' prodott mediċinali oriġinali proprjetarju ta' dawn il-privattivi u manifatturi ta' prodott mediċinali ġeneriċi – Artikolu 101 TFUE – Kompetizzjoni potenzjali – Restrizzjoni minħabba l-għan – Klassifikazzjoni – Kalkolu tal-ammont tal-multa)*

(2021/C 206/07)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

*Appellant:* Merck KGaA (rappreżentanti: B. Bär-Bouyssière u S. Smith, solicitors, R. Kreisberger, QC, u D. Mackersie, barrister)